



Brussell, 1 ta' Ottubru 2025

CM 4274/25

LIMITE

**UD
ENFOCUSTOM
MAMA
MED
MA
PROCED**

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: customs2B@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32 2 281 8671

+32 2 281 2721

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emendar tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

- Adozzjoni tad-Deċiżjoni
- Bidu tal-proċedura bil-miktub

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) ħa fl-1 ta' Ottubru 2025 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġobkom indikaw jekk taqblux mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emendar tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 13142/1/25 REV 1 u 13169/25 + 13169/1/25 REV 1 (fr).

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.

It-tweġibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sal-**17:00 (ħin ta' Brussell)** **tat-2 ta' Ottubru 2025** u għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil customs2b@consilium.europa.eu.